# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 75

L-Erbgħa 24 ta' Jannar 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Erbgħa 24 ta' Jannar 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

75.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsilliera Juliet Attard infurmat lill-Kunsill li ser tkun indisposta. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-ittra ta' apoloġiji.

### 75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

75.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 74 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

75.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

75.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

75.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, informa lill-membri preżenti li nhar is-Sibt 27 ta' Jannar 2024 fit-3.30pm ser ikollna żjara mill-President Emeritus l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca bħala fundatriċi tal-*Malta Trust Foundation*.

75.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li rċieva xi suġġerimenti mir-residenti fosthom biex isiru żewġ bozoz ġodda fi Triq Ir-Rumani u Triq Luvier, kif ukoll biex isir manutenzjoni ta' ħajt tas-sejjieħ fi Triq Żgħawri. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex jiġu implimentati dawn is-suġġerimenti.

75.3.3 Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill jippubblika fuljett bix-xogħlijiet li saru matul din il-leġislatura hekk kif riesqa lejn tmiemha. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

75.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li ser jiġu nstallati dwal solari matul il-passaġġ ta' taħt Triq il-Kantra hekk kif propost f'laqgħa preċedenti.

**75.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

75.4.1 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar arblu tad-dawl li ġie stallat ftit xhur ilu minn Enemalta Plc fi Triq It-Torri fix-Xlendi. Huwa ssuġġerixxa sabiex dan jiġi mħarrek madwar metru biex ikun fil-qasma taż-żewġ binjiet minflok kif qiegħed preżentament quddiem il-galleriji tar-residenti. Kien hemm qbil mill-membri sabiex titressaq din il-proposta lil Enemalta Plc.

**75.5 Proġetti fil-Lokalita';**

75.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li fil-jiem li ġejjin ser tiġi ppublikata s-sejħa għall-offerti sabiex jiġu nstallati sistemi ta' *CCTV cameras* madwar il-lokalita' kemm fil-Munxar u kemm fix-Xlendi. Dan il-proġett ser ikun parzjalment iffinanzjat mill-iskema SPI/SCI/04/2023 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

75.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jiġi nstallat arloġġ fil-bajja tax-Xlendi kif ukoll biex tikber il-bankina fejn ser jiġi nstallat dan l-istess arloġġ. Hu spjega kif dan l-arloġġ ġie akkwistat hekk kif approvat f'laqgħat preċedenti u lest biex jiġi nstallat ladarba l-Kunsill jotjeni l-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

75.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġew konklużi x-xogħlijiet ta' tisbieħ fix-Xlendi li kien jinkludi sistema ġdida ta' fanali dekorattivi fi Triq San Xmun, Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, parti minn Triq ir-Rabat u parti minn Triq Sant'Indirja, kif ukoll installazzjoni ta' *railing* ġdid fi Triq San Xmun. Huwa fakkar kif dan ix-xogħol ġie ffinanzjat minn fondi tal-Kunsill Reġjonali Għawdex u minn fondi tal-iskema SPI/SCI/3/2020 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali flimkien ma' fondi tal-Kunsill.

75.5.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li fir-rigward tal-proġett tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, il-Kunsill qed jistenna u jiġri wara l-kuntratturi biex jibdew ix-xogħlijiet.

75.6 **Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (*budget*) għas-sena 2024;**

75.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-estimi finanzjarji (budget) għas-sena 2024 liema rapport intbagħat wkoll lill-membri permezz ta' *email*.
L-estimi finanzjarji (budget) għas-sena 2024 ġew approvati unanimament minn dawk preżenti u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

75.7 **Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*:**
**Jannar 2023 – Diċembru 2023 (Ir-raba' kwart);**

75.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li dan ir-rapport ma ġiex konkluż sad-data tal-laqgħa mhux kif kien previst meta ħarġet l-aġenda. Huwa informa lill-membri li dan ir-rapport ser jiġi mressaq għall-approvazzjoni tagħhom fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

75.8 **Attivita' tal-Karnival 2024 fil-Munxar;**

75.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li qed jithejja programm bis-sehem ta' diversi kumpaniji taż-żfin u maskaruni sabiex issir l-attivita' tal-Karnival fil-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Is-Sindku ppropona d-data tal-Ħamis 8 ta' Frar 2024 mis-6 ta' filgħaxja 'il quddiem. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

75.9 **Approvazzjoni tal-*performance appraisals* tal-impjegati tal-Kunsill;**

75.9.1 Is-Sindku ppreżenta l-*performance appraisal report* li hejja tas-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ, jiġifieri ta' 10%.

75.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*performance appraisal reports* li hejja tal-iskrivana Nicholette Attard u tal-Assistent Prinċipali Kimberly Spiteri għas-sena 2023. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ ta' 6% għal dawn l-impjegati.

**75.10 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

75.10.1 Il-Kunsill irċieva talba għall-permess ta' *road trenching* mingħand Enemalta Plc fejn ser issir trinka matul Triq Il-Qsajjem, Triq Ir-Rumani u Triq Puniċi fix-Xlendi. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex waħda mill-kundizzjonijiet tal-permess tinkludi li fejn ser issir it-trinka fi Triq Puniċi tinkesa' bit-tarmak matul il-wisa' kollha, fi Triq il-Qsajjem tinkesa' bit-tarmak nofs il-wisa' tat-triq, filwaqt li fi Triq ir-Rumani t-trinka issir taħt il-bankina bi 30cm *concrete hard shoulder* ħdejn il-bankina.

75.10.2 Il-Kunsill irċieva notifika ta' avviż ta' infurzar mill-Awtorita' tal-Ippjanar ta' sit fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.3 Il-Kunsill irċieva konferma li l-applikazzjoni għat-twessiegħ ta' bankina u nstallazzjoni tal-arloġġ fix-Xlendi ġiet sottomessa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li l-*mini fridge* tal-Kunsill għamlet il-ħsara fil-mutur tagħha. Kien hemm qbil sabiex din tinbidel għal waħda ġdida.

75.10.5 Ċirkulari DLG Numru 22/2023 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.6 Ċirkulari SPI/SCI/6/2023 – Korsijiet *Lifelong Learning* 2024/2025 Offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.7 Ċirkulari SPI/SCI/1/2024 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi F'Malta 2024/2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.8 Ċirkulari Nru AKL 2023/114 – SRPP – putting you in contact for the dissemination of the survey. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.9 Ċirkulari Nru AKL 2023/115 – "Ejja Magħna Sa....". Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.10 Ċirkulari Nru AKL 2024/001 – EUCF – 6th Call Webinar Agenda. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.11 Ċirkulari Nru AKL 2024/002 – Seminar: Connecting Communities – Navigating the Communications Landscaġpe in Collaboration with MCA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.12 Ċirkulari Nru AKL 2024/003 – Servizzi ta' Trasport B'Xejn Offruti mill-Kunsilli Lokali u Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.13 Ċirkulari Nru AKL 2024/004 – Policy dwar 'Substance Misuse and Problem Gambling at the Place of Work'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.14 Ċirkulari Nru AKL 2024/005 – RIGHTS Training. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.15 Ċirkulari Nru AKL 2024/006 – EU Funding (Rural Roads) Information Session. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.16 Ċirkulari Nru AKL 2024/007 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil biex tiġġedded din il-polza tal-assigurazzjoni.

75.10.17 Ċirkulari Nru AKL 2024/008 – Personal Accident Policy. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil biex tiġġedded din il-polza tal-assigurazzjoni.

75.10.18 Ċirkulari Nru AKL 2024/009 – URBACT ITN INFO DAY, 22nd January 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.19 Ċirkulari Nru AKL 2024/010 – Mental Health First Aid Training 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.20 Ċirkulari Nru AKL 2024/011 – ECAD Membership 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

75.10.21 Ilment 63/2023
Resident jiġbed l-attenzjoni ta' bankina fi Triq il-Ġostra fix-Xlendi li hija aktar dejqa mill-kumpament ta' dik in-naħa. Jitlob sabiex din il-bankina titwessa daqs l-oħrajn. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

75.10.22 Ilment 64/2023

Resident jitlob li ssir il-bankina ġdida għall-post il-ġdid tiegħu fi Triq Ta' Rinota fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

75.10.23 Ilment 01/2024

Residenti jiġbdu l-attenzjoni ta' gallarija perikoluża fi Triq Puniċi fix-Xlendi. Minħabba każ ta' saħħa u sigurta', is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li dan l-ilment għadda għand il-Pulizija tal-Komunita'.

75.10.24 Ilment 02/2024

Resident jitlob sabiex tinbidel mera tat-traffiku fi Triq ix-Xlendi minħabba li hija miksura. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

75.10.25 Ilment 03/2024

Resident jilmenta dwar ilma li qed jiġi quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu fi Triq Ta' Rinota fil-Munxar minħabba li t-triq taqleb għal fuq ir-residenza tiegħu. Ġentilment jitlob sabiex il-Kunsill jintervjeni. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

75.10.26 Ilment 04/2024

Persuna tiġbed l-attenzjoni sabiex isir xogħol ta' żbir u tindif madwar il-bruk ta' Triq San Xmun fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

75.10.27 Ilment 05/2024

Persuna tiġbed l-attenzjoni ta' vetturi abbandunati fi triq ta' bejn Triq il-Kavallieri u Triq ir-Rumani fix-Xlendi. Il-Kunsill innota li l-korrispondenza hija ndirizzata wkoll lil Pulizija u lil Transport Malta.

## 75.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

75.11.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 75/2024-8 għall-perjodu bejn il-15 ta' Diċembru 2023 u l-24 ta' Jannar 2024 li tammonta għal €80,372.11 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Mark Busuttil kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Joseph Cauchi s-sekondant.

## 75.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 21 ta' Frar 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, l-Erbgħa 21 ta' Frar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |